*Tagħrif*

# L-AĦWA COTONER U KOTTONERA

Rafel Cotoner (1660-1663) u ħuħ Nikola (1663-1680) kienu ġejjin minn familja Aragoniża magħrufa li tat bosta kavallieri lill-Ordni ta' San Ġwann. l-artijiet tal-familja kienu l-aktar fil-gżira ta' Majorka. Wara l-mewt taż-żewġt aħwa granmastri, qalbhom indifnet fil-kappella ż-żgħira ta' San Ġakbu f'Palma, il-belt ewlenija ta' Majorka.



*Il-Gran Mastru Nikola Cotoner*

Hemm bosta wirt storiku li jafu lill-ġenerożità ta' Cotoner bħal sptarijiet, palazzi, fortizzi, imħażen u Bibien fis-swar. Iżda l-akbar xogħolijiet li għadhom imsemmijin għalihom huma s-swar madwar Bormla msejħa tal-Kottonera, li l-medda taghhom tagħlaq ġo fiha l-Birgu, l-Isla u Bormla. Dawn is-swar enormi kienu, fi żmienhom, l-aqwa tad-dinja, u qamu kemxa flus sew. Is-swar jibdew minn quddiem it-torri ta' San Ġwann tal-Birgu u t-torri ta' San Ġakbu. Fil-fatt hemm żewġ sensiliet ta' swar kbar u qawwija. Dawk li jibdew minn quddiem San Ġwann li jissejħu ta' "Firenzuola" (għax l-inġinier tagħhom kien d-Dumnikan Patri Vincez Firenzuola), u dawk li jibdew minn ta' San Ġakbu li jissejħui tal-Cotobera. L-art u ta' bejniethom tissejjah il-Kottonera.

Uħud minn dawn is-swar huma bħal purtiera bejn żewġ swar oħra maħruġin 'il barra. Dawn jissejħu "CURTAINS". Is-swar maħruġin 'il barra jissejħu BASTJUNI. Il-bibieb ta' ġos-swar ikunu fil-"curtains" u t-torrijiet li jogħlew il-ġewwa mis-swar ta' barra, jissejħu CAVALIERS.

Is-swar ta' Frenzuola huma biċċa xogħol ta' Inġenerija liema bħalha li għaġġbet l-akbar u l-aqwa inġinieri militari. Tal-Kottonera huma kopjaa tal-Firenzuola imma aktar fil-kobor. Is-swar tal-Firenzuola nbdew taħt Lascaris fl-1638. Wara li s-swar ta' Bormla bdew telgħin, kien hemm min rtied li mhux Bormla kollha tiddawwar bis-swar. Riedu biss il-għolja ta' Santa Margerita. u billi ħasbu li l-għadu kien se jaħbat għal-gżira malajr, dawn ma jilħqux jinbnew kif ried Firenzuola.

Fis-sena 1670 meta kienu għadhom inbnew biss ħamest iswar ta' Santa Margerita, il-Konti Valperga, inġinier magħruf, stqarr li l-Birgu u l-Isla ma kinux imħarsin biżżejjed u l-Port kellu jkun aktar mħares. Għalhekk Valperga ħeġġeġ li il-fortizza li ried Firenzuola tinbena. Iżda Cotoner ried jibni swar ġodda Għalhekk bena s-swar tal-Kottonera. Imma għalkemm inbnew is-swar, l-inġinieri xorta riedu li jitlestew s-swar ta' Firenzuola. U hekk sar. Fis-sena 1714 l-isqof ta permess li tinħatt il-knisja l-qadima ta' Santa Margerita biex il-bini tas-swar jissoktaw. Il-Firenzuola tlestew fl-1736, meta Nikol Cotoner kien ilu 56 sena mejjet. N'kollox dawn l-iswar damu jinbnew qrib il-mitt sena. Għandhom dehra majestuża u qawwija sal-lum. Fl-aqwa tagħhom kellhom 1500 kanun biex iħarsuhom

**Ettiene Spiteri**
Bandist


**CARMELO GAUCI LTD.**

**IMPORTERS OF ALL KINDS OF TIMBER, PLYWOOD, BLOCKBOARD, CHIPBOARD, HARDBOARD, LAMINATED PLASTICS, HARDWARE, WOODWORKING & ALUMINIUM MACHINES.**

"CARGA"
New Street, off Qormi Road,
St. Venera - MALTA.

Tel: 445717 / 443861
Telex: 712 ICUAG MW
Cables: ICUAG - MALTA.